# Għasfur ieħor protett fil-mira tal-kaċċa illegali

## X'qed jistenna l-Gvern? BirdLife Malta tinsisti li s-sospensjoni tal-istaġun tal-kaċċa issa hi inevitabbli

BirdLife Malta llum ġiet imsejħa biex issalva għasfur ieħor protett li safa fil-mira tal-kaċċa illegali, din id-darba Russett Griż (Grey Heron).

L-għasfur instab ferut u ma jistax itir f'razzett fiż-Żejtun wara li xi ħadd spara tiri fuqu fil-viċinanzi. Ir-russett inġabar minn membri tal-istaff ta' BirdLife Malta u voluntieri tar-Raptor Camp li bħalissa qed iduru mal-kampanja biex jissorveljaw il-kaċċa illegali fl-eqqel tal-passa tat-tajr tal-priża. Uffiċjali ta' BirdLife Malta ġrew bih għand il-veterinarju fejn kien iċċertifikat li kellu mill-inqas ċomba waħda minn tir ta' senter li farrket l-għadma tal-ġewnaħ tal-lemin tal-għasfur.

Dwar dan l-aħħar att illegali mwettaq tul l-istaġun tal-kaċċa ta' din is-sena, il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana kkummenta hekk: "Dan hu l-għoxrin għasfur protett li spiċċa fil-mira tal-kaċċa illegali wara ċ-Ċikonji Suwed, il-Kuċċard, il-Kwakk u l-Qerd in-Naħal. Hu inaċċettabbli u tal-mistħija mhux biss li qed iseħħu dawn l-illegalitajiet imma li l-Gvern mhu qed jagħti l-ebda widen għal dak li qed jiġri. Aħna issa ilna ġimgħat nitolbu s-sospensjoni tal-istaġun tal-kaċċa, bil-Gvern ifarfar din ir-responsabbiltà u ma jkunx kapaċi jagħmel dak li hu sewwa. Ninsistu li l-Gvern jaġixxi llum qabel għada u jissospendi l-istaġun sa nofs Ottubru. Hekk biss jippermetti li jsir l-infurzar meħtieġ biex għasafar protetti jkunu jistgħu jaslu qawwijin u sħaħ fid-destinazzjoni finali tagħhom waqt li jkunu qed ipassu minn fuq Malta".

Ir-Russett Griż *(Ardea cinerea)* hu għasfur tal-passa komuni f'dan iż-żmien tas-sena. Normalment jivvjaġġa fi qtajja' u huwa għasfur ta' daqs konsiderevoli, l-akbar minn fost l-ispeċi tal-irsieset li naraw fil-Gżejjer Maltin. Madwar l-Ewropa kollha ssibu kemm f'zoni urbani kif ukoll rurali u b'hekk hu familjari mal-pubbliku inġenerali, inkluż ma' ħafna Maltin li minn żmien għal ieħor jagħżlu lill-Ewropa bħala destinazzjoni għall-vaganzi tagħhom.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Niżżel il-filmat minn hawn: https://we.tl/M6ijTheYfO**

- Filmat tas-salvataġġ tar-Russett Griż miż-Żejtun dalgħodu u tal-mument meta ttieħed għand il-veterinarju (Filmati ta' James Symonds, Nick Piludu u Rachel Shepherd, muntaġġ ta' Iryna Lukashuk)

**Ritratti:** (Ritratti ta' Rachel Shepherd)

1. Ir-Russett Griż ferut
2. Dettall tal-ferita li sofra r-Russett Griż